MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2011

Appell Kriminali Numru. 346/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Paul Magro**

Il-Qorti,

Rat in-nota tal-11 ta’ Frar 2010 tal-ufficjal tal-probation Antonella Spagnol ipprezentata ai termini ta’ l-artikolu 28G(9) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’liema nota l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali giet infurmata li Paul Magro ma kienx qed isegwi l-programm ta’ riabilitazzjoni li huwa gie ordnat jaghmel skond l-ordni ta’ supervizjoni moghtija fil-konfront tieghu;

Rat is-sentenza ta’ dik il-Qorti tad-29 ta’ Gunju 2008 li permezz taghha l-appellant gie ikkundannat sentejn prigunerija sospizi ghal erba’ snin u l-ordni ta’ supervizjoni

ta’ l-istess data permezz ta’ liema ordni l-appellant kellu jsegwi sa tmiemu programm ta’ riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga;

Rat is-sentenza ta’ l-istess Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali ta’ l-20 ta’ Lulju 2010 fejn wara li rat l-artikoli 28A u 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta sabet lill-imsemmi Paul Magro hati li naqas li jhares il-kundizzjonijiet ta’ l-ordni ta’ supervizjoni tad-29 ta’ Gunju 2008 moghti fil-konfront tieghu minn dik l-istess Qorti u ordnat li s-sentenza tad-29 ta’ Gunju 2008 li permezz taghha l-imsemmi Paul Magro kien gie kkundannat sentejn prigunerija sospizi ghal erba’ snin tidhol fis-sehh;

Rat ir-rikors ta’ l-appell ta’ Paul Magro pprezentat fis-27 ta’ Lulju 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata b’dana li ma taghtix piena ta’ inkarcerazzjoni effettiva;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-appellant Paul Magro huwa dwar il-fatt li l-ewwel Qorti gabet fis-sehh is-sentenza sospiza li kien inghata bis-sentenza msemmija tad-29 ta’ Lulju 2008. Huwa jghid illi kien fit-triq tar-rijabilitazzjoni bl-ghajnuna ta’ hafna nies u l-fatt li nghata sentenzi ta’ prigunerija fuq reati relattivament minuri se jwassal biex dan il-progress notevoli jinqered darba ghal dejjem.

Mill-atti jirrizulta fl-ewwel lok illi l-appellant kien tressaq b’arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fid-29 ta’ Gunju 2008 akkuzat bi tliet serqiet aggravati mill-Maritim Hotel & Spa (fis-26 ta’ Gunju 2008), mill-Qawra Palace Hotel (fil-5 ta’ Ottubru 2007) u mill-Pergola Club Hotel (bejn Novembru 2007 u Jannar 2008), u fil-kaz tas-serq mill-Maritim Hotel & Spa gie akkuzat ukoll bi sekwestru tal-persuna. L-appellant ammetta l-

imputazzjonijiet u, b'sentenza tad-29 ta' Gunju 2008, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ikkundannatu sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin u tqieghed taht ordni ta' supervizjoni ghall-istess perijodu bil-kundizzjoni, *inter alia*, li jibda u jkompli sa tmiemu programm ta' rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga.

Fid-29 ta' Ottubru 2009 beda jsegwi programm residenzjali fil-Komunita` ta' San Blas taht l-awspici tal-CARITAS. Fit-8 ta' Frar 2010 is-*supervising officer* tieghu Antonella Spagnol giet infurmata li l-appellant kien gie sospiz mill-programm b'mod indefinit minhabba l-imgieba negattiva tieghu li kienet qed tkun ta' detriment ghalih u ghar-residenti l-ohra. Gie riferut lis-Servizzi fil-Komunita`, il-Furjana, fejn gie deciz li jibda jattendi l-programm ta' filghaxija. Meta Antonella Spagnol kienet qed tixhed fis-seduta ta' l-24 ta' Gunju 2010 quddiem l-ewwel Qorti, hija qalet illi l-gimgha ta' qabel l-appellant kien issottometta ruhu ghal test ta' l-urina u dan irrizulta pozittiv ghall-kokaina. Ghalhekk ma setax jiqba' jattendi l-programm ta' filghaxija.

Fix-xiehda tieghu quddiem l-ewwel Qorti l-appellant qal li kien hu stes li ammetta ma' tal-CARITAS li kien "illepsja" u uza l-kokaina. Qal ukoll li bis-sentenza li wehel fit-23 ta' Gunju 2010 xorta ma setax ikompli l-programm. Effettivament quddiem l-ewwel Qorti gew pprezentati kopji ta' zewg sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali li permezz taghhom l-appellant gie kkundannat perijodu komplessiv ta' prigunerija ta' sbatax-il xahar. Sentenza minnhom (272/2009) tirreferi ghal serq ikkwalifikat li wettaq fl-20 ta' Novembru 2008 – anqas minn hames xhur wara li nghata s-sentenza sospiza ta' prigunerija – u s-sentenza l-ohra (543/2009) tirreferi ghal serq ikkwalifikat li wettaq fl-4 ta' Gunju 2009. Dawn is-serqiet – li l-appellant ammetta fil-proceduri rispettivi taghhom – twettqu mhux biss waqt il-perijodu operattiv tas-sentenza sospiza ta' prigunerija, izda sahansitra waqt il-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata li jidher li bbenefika minnha fis-7 ta'

Novembru 2008 wara li nstab hati ta' pussess ta' eroina u ta' raza tal-cannabis kontra l-ligi.

Mill-fedina penali ta' l-appellant jirrizulta almenu *prima facie*, li s'issa l-appellant diga` bbenefika minn tliet *conditional discharges* u *probation order* wiehed (li nghata fit-3 ta' Marzu 2010). Barra minn hekk gie kkundannat ghall-hlas ta' multa darba u ghall-hlas ta' ammenda darba. Permezz tas-sentenza sospiza ta' prigunerija u ordni ta' supervizjoni mbaghad inghata opportunita` biex verament jaqbad it-triq it-tajba, izda dan sfuma fix-xejn kemm minhabba l-atteggjament tieghu waqt il-programm, it-tehid ta' sustanza llecita wara li kien gie sospiz mill-programm residenzjali, u l-kommissjoni ta' serqiet ohrajn waqt il-perijodu operattiv tas-sentenza sospiza.

L-appellant jilmenta li l-progress notevoli ta' rijabilitazzjoni li ghamel se jinqered darba ghal dejjem. Din il-Qorti temmen li jekk l-appellant verament irid jieqaf mill-abbuz tad-droga u mill-hajja refrattarja tieghu, is-soluzzjoni tinsab filli jaghmel programm residenzjali waqt li jkun qieghed iservi s-sentenza li l-ewwel Qorti, gustifikatament, gabet fis-sehh.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------